# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 1028/97

Dottor Emmanuel George Cefai LL.D

vs

Onorevoli Prim Ministru ta' Malta u l-Ministru ta' l-Ambjent u l-Awtorita' ta' l-Ippjanar u d-Direttur Generali tax-Xogholijiet li gie kjamat fir-rikors b' digriet tal-25 ta' Jannar, 2000.

Illum 10 ta' Lulju, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u precizament fiz-zmien ossija zmienijiet taht indikati huwa sofra ingustizzja billi gie mcahhad minn permessi tal-bini bi pregudizzju ghalih kif ukoll bi svantagg kbir u serju ghalih.

Illi l-fatti li taw lok ghall-dan il-kaz kienu:

1. Illi huwa s-sid ta' porzjonijiet tat-terren msejjah "tax-Xlendi" Xlendi limiti ta' Kercem, Ghawdex, l-intier ta' liema terren huwa muri bordurat b'kulur kannella fuq il-pjanta u site plan taht riferiti u markati Dokument "B" u kien originarjament gie akkwistat flimkien ma' certu Haber li wara saret divizjoni mieghu.

2. Illi dan it-terren ghandu faccata fuq it-triq pubblika, huwa servut bis-servizzi kollha mehtiega u jikkwalifika ghall-bini edilizju.

3. Illi fis-sena 1989 kienet saret talba mill-Gvern ta' dak iz-zmien sabiex sidien li jkollhom terreni li jixtiequ li jinkludu fl-izvilupp jaghmlu hekk.

Illi kienu hargu pjanti provizorji biex wara li jkunu saru sottomissjonijiet mill-pubbliku lill-Kumitat Selettiv tal-Kamra tar-Rapprezentanti jsiru l-inkluzjonijiet relattiv fi Skema finali li kellha tigi approvata mill-istess Kumitat selettiv u wara mill-Parlament.

Inoltri fl-istess rahal saru estensjonijiet lil terzi persuni f'terren ta' valur tekniku identiku ghal tar-rikorrent filwaqt li fit-terren tar-rikorrent ma saritx estensjoni. B'rizultat t'hekk it-terren tar-rikorrent gie ingustament mholli barra mill-izvilupp li invece l-permessi w estensjonijiet relattivi inghataw lil terzi.

4. Illi minkejja illi r-rikorrent kien ghamel id-debiti sottomissjonijiet tieghu w indika wkoll kif kellha ssir l-inkluzjoni relattiva ma' l-iskema tat-terren tieghu lill-Awtoritajiet koncernati ta' dak iz-zmien - xorta wahda huwa thalla barra b'mod arbitrarju w ingust u minghajr ma qatt inghata l-ebda raguni jew spjegazzjoni.

Fil-fatt it-terren in kwistjoni huwa fil-parti l-kbira tieghu diga` inkluz fil-Pjan ta' Zvilupp ossija fl-Iskema tal-Izvilupp ossija fid-Development Zone ferm u ferm qabel. Dan jidher car mill-ittra li d-Direttur tax-Xogholijiet dakinhar il-Perit Godwin Drago baghat lill-Perit Onorevoli Karmenu Vella li kien qieghed allura japplika ghal biex is-sit jkun inkluz fl-iskema tal-Izvilupp kopja ossia foto-kopja ta' liema ittra hi hawn annessa u markata Dokument "C".

Ir-rikorrent minn dejjem habrek sabiex jizviluppa dan it-terren bhal ma jaghmel haddiehor li jipprova jhaddem dak li hu tieghu sabiex igib li jista' minnu. Ghalhekk permezz tal-Perit Raymond Gerard Agius huwa kien applika lill-Planning Areas Permits Board ghall-hrug tal-permessi - liema permessi kellhom jinhargu bi dritt peress illi dawn kienu riferenti ghal siti lkoll inkluzi fil-Planning Scheme.

Izda minkejja illi r-rikorrent kellu d-dritt li jinhargulu l-permessi mill-Planning Areas Permits Board ta' dak iz-zmien, dak l-istess Board deherlu li kellu jirrifjuta l-hrug ta' l-istess permessi

fosthom il-permessi numri 3938/86; 3939/86; 3940/86 u 3941/86 fuq t-terren “tax-Xlendi” in kwistjoni.
Il-Planning Areas Permits Board kien hareg dawn ir-“refusals" ghall-permessi tax-Xlendi proprju ftit zmien wara li kienet saret l-Elezzjoni Generali tal-1987 u prattikament fil-bidu nett tal-perjodu dispost mill-legislatur permezz ta’ l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ l-Ingustizzji.

Illi r-rifjut ta’ dawn l-istess permessi tant kien wiehed gravi, serju u diskriminatorju ma’ l-applikant illi fit-18 t’Awwissu 1987 l-Perit ta’ l-istess applikant, il-Perit Raymond Gerard Agius kiteb lill-Planning Areas Permits Board biex jispjega b’mod car w inekwivokabbli illi “l-pretest tal-Planning Areas Permits Board biex jirrifjuta l-permessi kien ghall-kollox bla bazi kif jirrizulta ahjar mill-istess ittra.

L-ittra li l-Perit Agius baghat lill-Planning Areas Permits Board - li kopja taghha hi annessa mal-prezent u markata Dokument “E” - turi car u tond u minghajr l-ebda titubanza li s-sit jifforma parti mill-iskema tax-Xlendi ossija mid-Development Zone ta’ l-istess post. Minkejja dan kollu - kif minkejja l-avvertimenti formali u teknici lilu maghmula mill-Perit ta’ l-applikant l-Planning Areas Permits Board deherlu li kellu jichad dawn il-permessi permezz ta’ “refusals”.

Illi fil-fatt in ottemperenza ma dak rikjest mill-ittra tad-Direttur tax-Xogholijiet il-Perit Godwin Drago kienu gew sottomessi toroq w “lay outs” taghhom li wkoll jidhru fil-pjanti ufficjali tal-

Public Works ta' dak iz-zmien; kopja ta' liema "lay out" hi hawn akkluza u mmarkata Dokument "F".

Izda l-amministrazzjoni li telghet wara Mejju 1987 deherilha li ccahhad lir-rikorrent mill-permessi li kienu tieghu fil-proprjeta` tieghu tax-Xlendi.

Dan kollu meta fis-sit adjacenti - muri b'kulur *blu* fuq l-anness Dokument "B" - li kien proprjeta` ta' certi terzi - u li fil-fatt kien hemm hafna kontestazzjonijiet dwaru inkluz kontestazzjonijiet fil-Qorti u hafna allegazzjonijiet inkluz li kien raba` saqwi, li kien hemm l-bidwi li kien jghix minnu, u affarijiet ohra - hargu l-permessi tal-bini fuq il-faccata u cioe` fuq Xlendi Road ghall-nofs is-sena 1987 u cioe` <u>wara</u> li kienu hargu l-permessi fuq il-faccata (u cioe` fuq Xlendi Road) biss lir-rikorrent xhur qabel.

Dan kollu jikkontrasta ferm ma' l-agir ta' l-amministrazzjoni li telghet fil-Gvern f'Mejju 1987. Filwaqt li fl-amministrazzjoni li kien hemm qabel Mejju 1987 kienet saret gustizzja *ma kulhadd l-istess* billi il-permessi tal-bini fuq il-faccata ta' Xlendi Road nhargu kemm lir-rikorrent kif ukoll lil terzi - biex b'hekk *mhux biss issir gustizzja izda tidher li qed issir din il-gustizzja.* L-amministrazzjoni li telghet fil-Gvern wara Mejju 1987 deherilha li kellha taghti l-permessi fuq in-naha ta' wara ta' Xlendi Road <u>lil dawk l-istess terzi - li minkejja l-hafna kontestazzjonijiet, kawzi, allegazzjonijiet u ghidut iehor - gew moghtija l-permessi *huma biss* - filwaqt li minkejja li teknikament l-art tar-rikorrent ta' wara il-faccata ta' Xlendi Road kienet timmerita l-hrug tal-</u>

permessi ferm ahjar minn dik ta' terzi li fil-fatt haduh - giet eskluza ingustament mill-Amministrazzjoni precedenti.

*U hekk gara li dawn it-terzi u/jew l-aventi kawza minnhom bnew mijiet ta' flats u/jew strutturi simili sal-inqas parti tat-terren taghhom filwaqt illi r-rikorrent gie ostakolat milli jibni l-istess affarijiet fuq il-partijiet divizivi tat-terren "tax-Xlendi" li huwa immedjatament adjacenti ghall-dawn il-mijiet ta' flats u/jew strutturi simili mibnijin minn terzi - u li huwa wkoll fid-Development Zone. Idea ta' xi bnew dawn it-terzi tidher mill-anness Dokument "D" li huwa ritratt li juri mases immensi ta' bini diversi sulari gholjin li haddiehor thalla jibni fix-Xlendi, Ghawdex hafna minnhom immedjatament adjacenti ghat-terren (li parti minnu tidher bhala moxa zdingata fl-istess ritratt) oggett ta' dan ir-rikors.*

*U kif jirritjeni l-istess rikorrent - it-terzi kollha msemmija fil-presenti rikors kien jisthoqqilhom li jkollhom permessi u li jibnu u kien sewwa li nhargulhom permessi u bnew; iktar u iktar ghalhekk r-rikorrent missu ilu li gie moghti l-permessi kollha mehtiega biex ikun jista' jibni. Dawn il-permessi dovuti lir-rikorrent misshom hargu snin ilu. U ghalhekk l-istess rikorrent ghadu jbati l-konsegwenzi finanzjarji, psikologici u f'sahhtu minhabba dan in-nuqqas.*

*Diskriminazzjoni iktar cara, gravi u serja minn dan il-kaz difficli li wiehed jista' jimmagina.*

5. Illi ghaldaqstant ir-rikorrent kellu jaghmel ir-rikors odjern u jaddivieni ghall-presenti Tribunal sabiex minghandu jottjeni dik il-gustizzja li kienet giet lilu negata precedentement.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant huwa talab lill-dan it-Tribunal sabiex jisma' u jaqta' dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji billi:

a. jordna lill-Awtorita` tal-Ippjanar u/jew minn min mill-intimati l-ohra sabiex provizorjament u minghajr pregudizzju ghad-drittijiet tar-rikorrent tibda biex tohrog permessi ghal zvilupp urban ai termini tal-Policy presenti SET 12 tal-Pjan ta' Struttura.

b. jordna lill-Awtorita` tal-Ippjanar u/jew minn minn mill-intimati l-ohra sabiex provizorjament u minghajr pregudizzju ghad-drittijiet tar-rikorrent minnufih tohrog permessi minnha individwalment mitluba fuq l-istess terren in virtu` ta' kwalsiasi policy ohra presentement vigenti fil-Pjan ta' Struttura u

c. jordna lill-Awtorita` tal-Ippjanar u/jew minn minn mill-intimati l-ohra sabiex tinkludi ghall-izvilupp u fl-iskema tal-bini t-terren tar-rikorrent mal-hrug tal-Local Plan relattiv ghall-istess post u kif rikjest mill-istess rikorrent.

U sabiex ukoll jithallas lir-rikorrent l-ammont ta' kumpens dovut skond il-ligi.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta ta' **l-Onorevoli Prim Ministru u tal-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin u ta' l-Ambjent** li eccepew:

Illi huma m'humiex il-legittimi kontradituri f'din il-kawza stante illi huma ma ghandhom x'jaqsmu xejn ma' l-ipprocessar u mad-decizjonijiet finali li jittiehdu dwar il-hrug jew iz-zamma ta' permessi ta' bini, u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Ra r-risposta ta' **l-Awtorita` ta' l-Ippjanar**, li eccepiet illi fl-ewwel lok l-ilment fil-kaz in kwistjoni jittratta dwar sit li fuqu nghata diversi rifjuti stante li skond il-policies ta' dak iz-zmien ma kienx hemm planning scheme ghall-area. Hawn annessi dokumenti TDA, TDB u TDC, kopji fotostatici ta' tlett rifjuti.

Illi oltre dan l-istess rikorrenti qed jallega li saret ingustizzja mill-PAPB. F'dan il-kuntest hu sottomess li l-istess Awtorita` ta' l-Ippjanar skond l-Att I ta' l-1992 bl-ebda mod ma ssuccediet ghal dak li sar mill-istess PAPB. Fil-fatt l-istess Awtorita` qatt ma kellha x'taqsam mal-fatti allegati.

Illi dan ukoll minghajr pregudizzju ghal fatt l-istess siti anki dak iz-zmien ma kienux jikkwalifikaw ghall-bini kif jista’ jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ l-istess rikors.

Illi fil-fatt illum l-istess sit jinsab barra mill-iskema ta’ zvilupp li ghaddiet u giet approvata mill-Parlament fil-1998 u l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar illum tista’ biss tohrog permessi a tenur ta’ l-istess schemes b’dawk l-eccezzjonijiet li taghti l-istess Pjan ta’ Struttura bhal per ezempju ghal skopijiet ta’ agrikoltura f’certi cirkostanzi. Hu sottomess li l-izvilupp in kwistjoni ma jaqax taht dawn l-eccezzjonijiet.

Illi l-istess talbiet tar-rikorrent ma jistghux jintlaqghu ghar-ragunijiet fuq premessi, kif ukoll ghab-bazi ta’ l-Att I ta’ l-1992, li tistabilixxi kif wiehed jista’ japplika quddiem l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar ghall-permessi bid-drittijiet ta’ oggezzjonijiet minn terzi.
Ghar-rigward it-talba biex jigu nkluzi terreni ta’ l-applikant fil-Pjanijiet Lokali, l-istess procedura kif din tista’ ssir, nkluza b’konsultazzjonijiet pubblici, tista’ biss ssir skond l-artikoli 23 sa 29 ta’ l-Att I ta’ l-1992.

Ghaldaqstant ghandhom jigu michuda t-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-Awtorita` intimata.

Ra r-risposta tal-kjamat in kawza Direttur Generali tax-Xogholijiet li eccepixxa:

**Fatti fil-perspettiva taghhom:**

**1.** Illi r-rikorrenti qed jilmenta dwar rifjut mill-PAPB ta' 4 applikazzjonijiet ghall-izvilupp.

PB 3938/86, 3939/86, 33940/86,3941/86 - Dwellings off Xlendi Road, Xlendi.

L-applikazzjonijiet 3938/86, 3939/86 u 3941/86 saru minn Amelia Cefai. L-applikazzjoni 3940/86 saret mir-rikorrenti odjern.

L-erba' applikazzjonijiet gew rifjutati mill-PAPB fl-10 ta' Awissu 1987 billi:-

> "That site does not fall within the general policy declared by Government with reference to building permits, i.e. applicant's site was never within boundary of an area covered by a planning scheme"

Intalab reconsideration tal-files 3938, 3939 u 3940 izda din it-talba ma gietx akkolta billi:-

> "although site was within development zone, there was no planning scheme for the area and as such sites do not qualify for a permit"

**Eccezzjonijiet**

**1.** Illi fl-ewwel lok f'dak li jirrigward l-applikazzjonijiet 3938/86, 3939/86 u 3941/86 li saru minn Amelia Cefai r-rikorrenti m'ghandux interess guridiku u stante li l-ilment mertu ta' dan ir-rikors ma sarx minnha, it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda.

**2.** Illi dak li qieghed jigi mitlub mir-rikorrenti ma jistghax jigi akkolt mill-eccipjent skond il-ligi u konsegwentement l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

**3.** Illi l-eccipjent m'ghamel l-ebda ingustizzja versu r-rikorrenti u ghal din ir-raguni wkoll huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza.

**4.** Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, r-rikorrenti ma sofra l-ebda ingustizzja.  Id-decizjoni tal-PAPB fil-konfront tar-rikorrenti kienet korretta.

**5.** Illi mhuwiex legalment possibli li dan it-Tribunal jordna li l-area tar-rikorrenti titqies bhala within the zone u inoltre tali decizjoni ma tispettax lil dan it-Tribunal taht l-Artikolu 6 tal-Att VIII tal-1997.  Hija decizjoni riservata ghall-Parlament.

**6.** Illi fil-meritu jekk ir-rikorrenti jippretendi li l-art tieghu tigi munita b'permess tal-bini dan l-ezercizzju ghandu jsir skond il-ligijiet u l-policies tal-lum. Huwa ghandu jirregolha ruhu skond l-Att tal-1992 billi jaghmel applikazzjoni idoneja u jhallas id-drittijiet relattivi u l-kaz jigi processat skond il-ligi. Hadd m'hu qed jzommu milli jaghmel hekk. F"kaz li dan it-Tribunal jhoss li ghandu l-poter li jidhol fil-meritu tal-hrug o meno tal-permess taz-zvilupp, jigi sottomess li t-talba m'ghadha tigi michuda billi:

**(i)** L-art hija barra miz-zona ghall-Izvilupp

**(ii)** R-rikorrenti mhux full-time farmer u ma jahdimx aktar minn 20 tomna raba

**(iii)** L-izvilupp fih aktar minn 150m2 footprint

**(iv)** L-applikazzjoni ma tikkwalifikax taht l-policies fil-paragrafu 7.6 u SET11 u BEN2 u BEN5

**(v)** L-applikazzjoni tmur kontra l-policies RCO2,3 u 4 u PLP20

**(vi)** L-applikazzjoni tippregudika l-Local Plans

**(7)** Inoltre fir-rigward tat-talba tieghu sabiex it-terren in kwistjoni jigi inkluz fil-local plans l-Att 1 tal-1992 jirregolha kif ghandha ssir il-procedura relattiva u hawn ukoll dan il-process jesorbita mill-gurisdizzjoni. Hadd m'hu qed jcahhad lir-rikorreni milli javalla ruhu minn xi drittijiet li jista jkollu taht dan l-Att. Certament dan it-Tribunal m'ghandux l-poter li johrog Local Plans jew li jamendahom. L-hrug u revisjoni ta' Local Plan hija materja delikata hafna li tinvolvi studju profond u l-ligi stess tistipula procedura partikolari dwar kif u meta jistghu jsiru sottomissjonijiet. L-kuncett ta' town planning hija materja li tinvolvi hafna studju specjalizzati bhal ma huma:

**(a)** L-impatt MACRO fuq l-art

**(b)** L-impatt MICRO fuq l-inhawi

**(c)** L-effett fuq il-poplu in generali u fuq in-nies fl-inhawi

**(d)** Is-servizzi li jigu necessitati bhal ma huma:-

**(i)** Toroq

**(ii)** Dawl

**(iii)** Ilma

**(iv)** Drenagg

**(v)** Telephone

**(e)** Id-densita taz-zvilupp u l-bzonnijiet kommunitarji bhal ma huma skejjel, playgrounds, ghasses, clinics, hwienet ecc.

**(8)** Huwa ghalhekk li local plan jirrikjetdi studju profond u jinvolvi hafna nies professjonali u specjalizzati. Minghajr l-ebda sinjal ta’ disrispett lejn dan it-Tribunal, dan huwa forum ta’ LIGI u certament mhux il-forum adatt sabiex jsir dan l-esercizzju.

**(9)** Illi effettivament dak li jitlob ir-rikorrenti huwa li dan it-Tribunal jezercita l-poter li ex lege gie mhossi ghall-awtorita’ tal-Ippjanar that l-Att I tal-1992 u ma jistghax permezz ta’ rikors prezenti jitlob li d-decizjoni mehuda mill-Parlament dwar l-ischemes tkun soggetta ghar-revizjoni jew sindikar ta’ dan it-Tribunal liema ezercizzju f’kull kaz huwa vjetat that l-artiklu 5(3)(a) u Parti A tal-Ewwel Skeda ta’ l-Att VIII ta’ l-1997.

Ra l-lista tax-xhieda tal-kjamat fil-kawza.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi fil-25 ta' Jannar 2000 Dr L Cuschieri fil-presenza tar-rikorrent iddikjara li jaqbel li l-Planning Authority mhux successur tal-P.A.P.B. izda zamm ferm it-talba peress li biex jinhareg il-permess illum irid jinhareg mill-Planning Authority. Ra n-nota tar-rikorrent tal-1 ta' Frar, 2000 fejn ir-rikorrent prova li indirettament jirtira dak li qal qabel. Dan mhux permess legalment u dan it-Tribunal ma jaccettahx kategorikament. Id-dikjarazzjoni li ghamel torbot lir-rikorrent.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Pero' ghal kull buon fini t-Tribunal sejjer jikkwota minn sentenza ohra tieghu fl-ismijiet "Emmanuel Mallia vs Awtorita' tal-Ippjanar" deciza fit-12 ta' Dicembru, 2000 fejn it-Tribunal qal:

"Fil-kawza deciza mill-Prim' Awla (Imhallef G. Caruana Demajo) fl-14 ta' Novembru 1997 fl-ismijiet Annunziato Mifsud vs Direttur tat-Toroq et intqal li:

"il-Bord ghall-permessi dwar area ta' Pjan Regolatur kien twaqqaf bl-Avviz Legali 10/1962, li kien inhareg taht l-Artikolu 19 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija. Dan l-Artikolu, li thassar bl-Artikolu 63 tal-Att 1 tal-1992 dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp (Att 1 tal-1992) kien jaghti lill-President (dak iz-

zmien il-Gvernatur) ta' Malta is-setgha li jaghmel regolamenti inter alia:

(c) biex jaghtu s-setgha lill-Ministru responsabbli ghax-Xogholijiet Pubblici (dak iz-zmien is-Segretarju Principali) li jiddelega, lil dak l-Ufficjal, Korp jew Awtorita` u b' dak il-mod u sa fejn jista' jkun preskritt mir-regolamenti, kull wahda mis-setghat moghtija lilu…

Bl-Avviz Legali 10 tal-1962 is-Segretarju Principali nghata s-setgha li jiddelega s-setghat tieghu "lill-Korp maghruf bhala il-Bord ghall-Permessi dwar Area ta' Pjan Regolatur".

Il-Bord ghalhekk huwa d-delegat tal-Ministru responsabbli ghax-Xogholijiet Pubblici, u huwa dan il-Ministru li jwiegeb ghal dak li jaghmel il-Bord.

L-Awtorita` tal-Ippjanar twaqqfet bl-Artikolu 3 tal-Att tal-1992 dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp; hija korp awtonomu u mhux delegat ta' xi awtorita` ohra. Ghalhkemm huwa minnu li hadet xi setghat li qabel kienu tal-P.A.P.B., dawn is-setghat hadithom mhux ghax kompliet il-personalita` ta' dak il-Bord izda bis-sahha tad-dispozizzjonijiet <u>ad hoc</u>.

Il-konkluzjoni ghalhek bil-fors tkun li jwiegeb ghal dak li ghamel jew naqas li jaghmel il-Bord ghall-Permessi dwar Area ta' Pjan Regolatur il-Ministru responsabbli ghax-

Xogholijiet Pubblici, li tieghu il-Bord kien delegat, u mhux l-Awtorita` tal-Ippjanar."

Ukoll fil-kawza deciza mill-Prim' Awla (Imhallef G. Valenzia) (Rikors Kostituzzjonali) deciza fit-12 ta' Dicembru 1996 fl-ismijiet "John Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar" il-Qorti qalet:

"L-Att 1 tal-1992 jaghmel eccezzjoni ghal dan fis-sens li l-Artikolu 62 tal-Att jinghad li permess moghti mill-P.A.P.B. u li ghadu fis-sehh hekk kif jigi fis-sehh l-Att 1 tal-1992, jigi meqjus li jibqa' operativ ghall-perjodu u taht il-kundizzjonijiet li ghalih ikun hareg u tul dan iz-zmien jitqies li hu permess moghti mill-Awtorita`…

Illi mid-dokumenti esebiti jirrizulta li fil-fatt l-intimat mhux is-successur tal-P.A.P.B. u l-eccezzjoni msemmija ma tapplikax fil-kaz in ezami billi l-permess tal-14 ta' Awissu 1992 kien gie revokat. L-azzjoni tar-rikorrent ma kellhiex tigi proposta kontra l-intimat."

Illi dan it-Tribunal wara li ezamina l-Att dwar l-Awtorita' tal-Ippjanar ma jhossx li ghandu xi jbiddel mill-insenjament moghti f'dawn il-kawzi."

Ikkunsidra li ghalhekk dak li ghandu jwiegeb ghal dak li ghamel jew naqas li jaghmel il-Bord ghall-Permessi dwar Area ta' Pjan Regolatur huwa il-Ministru responsabbli ghax-Xogholijiet Pubblici, li tieghu il-Bord kien delegat, u mhux l-Awtorita` tal-

Ippjanar.  Izda b'daqshekk ma jfissirx li **f'dan l-istadju** l-Awtorita' ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, ghax li kieku t-talba tar-rikorrent kella tigi milqugha xorta wahda trid tkun inkluza l-istess Awtorita'.

Ghalhekk it-Tribunal jordna li jsiru l-bqija tal-provi u ghal dan il-ghan jiddifferixxi l-kawza ghall-24 ta' Jannar 2002 fid-9.30 a.m.